

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/249**tal-10 ta' Frar 2015****Li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters***(notifikata bid-dokument C(2015) 603)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar il-sigurtà ġenerali tal-prodotti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE ⁽²⁾ tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-lajters li jitqiegħdu fis-suq ikunu biss dawk reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-lajters magħrufa bħala novelty lighters.
- (2) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE għet adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE, li tillimita l-validità tad-Deċiżjoni sa perjodu mhux itwal minn sena, iżda tippermetti li dan jiġi estiż għal perjodi addizzjonali, li l-ebda wieħed minnhom ma jkun itwal minn sena.
- (3) Il-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE għet estiża b'perjodi ta' sena, l-ewwel bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/231/KE ⁽³⁾ sal-11 ta' Mejju 2008, it-tieni bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/322/KE ⁽⁴⁾ sal-11 ta' Mejju 2009, it-tielet bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/298/KE ⁽⁵⁾ sal-11 ta' Mejju 2010, ir-raba' bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/157/UE ⁽⁶⁾ sal-11 ta' Mejju 2011, il-ħames bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/176/UE ⁽⁷⁾ sal-11 ta' Mejju 2012, is-sitt bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/53/UE ⁽⁸⁾ sal-11 ta' Mejju 2013, is-seba' bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/113/UE ⁽⁹⁾ sal-11 ta' Mejju 2014, u t-tmien bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/61/UE ⁽¹⁰⁾ sal-11 ta' Mejju 2015.
- (4) Il-lajters li mhumiex reżistenti għat-tfal għadhom qed jitqiegħdu fis-suq. Madankollu, il-preżenza tagħhom għandha tkompli tonqos permezz ta' attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq aktar b'saħħithom, minn teħid ta' kampjuni mmirat sa miżuri restrittivi effettivi.
- (5) Minħabba li ma jeżistux miżuri sodisfaċenti oħra li jindirizzaw is-sikurezza tat-tfal fil-lajters, jeħtieġ li l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE tiġi estiża għal 12-il xahar ieħor.
- (6) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2006/502/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2006/502/KE, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni tapplika sal-11 ta' Mejju 2016."

⁽¹⁾ ĠUL 11, 15.1.2002, p. 4.⁽²⁾ ĠUL 198, 20.7.2006, p. 41.⁽³⁾ ĠUL 99, 14.4.2007, p. 16.⁽⁴⁾ ĠUL 109, 19.4.2008, p. 40.⁽⁵⁾ ĠUL 81, 27.3.2009, p. 23.⁽⁶⁾ ĠUL 67, 17.3.2010, p. 9.⁽⁷⁾ ĠUL 76, 22.3.2011, p. 99.⁽⁸⁾ ĠUL 27, 31.1.2012, p. 24.⁽⁹⁾ ĠUL 61, 5.3.2013, p. 11.⁽¹⁰⁾ ĠUL 38, 7.2.2014, p. 43.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju 2015, u għandhom jippubblikaw dawk l-istess miżuri. Dawn għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Membru tal-Kummissjoni
